TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 249/13/F

**Claire Portelli**
**vs**
**Vodafone Malta Limited**

Illum 18 ta' Frar, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-25 ta' Ottubru, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' mitejn u sebgħin ewro (€270), rappreżentanti prezz ta' *mobile phone* li ma baqax jaħdem.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *mobile phone* għall-prezz ta' mitejn u sebgħin ewro (€270) mingħand id-ditta ntimata u wara xi żmien dan ma baqax jaħdem.

Is-soċjeta' ntimata bidlitilha l-*mobile phone* darbtejn u xorta baqa bl-istess problemi. Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi dawn il-*mobile phones* ma kellhom l-ebda ħsara u peress illi ma kellhomx memorja kbira jista' jkun li jitilfu s-*settings*.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota li dan il-*mobile phone* vera kellu l-problemi u minkejja li s-soċjeta' ntimata għamlet minn kollox sabiex tiprova taqdi lir-rikorrenti, xorta baqgħet bil-problemi.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' mitejn u ħamsin ewro (€250), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata, u b'dan illi l-*mobile phone* jiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**